# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 4 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 1689/00**

**Numru 33**

**Roosendaal Trading Limited**

**vs**

**Marika Mifsud**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u hamsa u sittin Lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm465.46), ammont rapprezentanti prezz ta' oggetti ta' ikel u xorb lill-konvenuta mibjugha u kkonsenjati gewwa n-negozju mill-konvenuta gestit bl-isem All Needs Store, liema hlas baqa' ma sarx, minkejja diversi interpellazzjonijiet lill-konvenuta maghmula.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra gudizzjarja ta' l-24 ta' Mejju 1999, u interessi kummercjali kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fil-23 ta' Mejju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm465.46,0 bl-imghax legali mill-24 ta' Mejju 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja tal-24 ta' Mejju 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg